



A9-0383/2023

1.12.2023

RAPPORT

dwar żieda fl-innovazzjoni u fil-kompetittività industrijali u teknoloġika permezz ta' ambjent favorevoli għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu
(2023/2110(INI))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Tsvetelina Penkova

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	14
ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI MINN GĦAND MIN IR-RAPPORTEUR IRĊIEVA INPUT.....	16
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	17
VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	18

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar żieda fl-innovazzjoni u fil-kompetittività industrijali u teknoloġika permezz ta' ambjent favorevoli għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu (2023/2110(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 101 sa 109 u l-Artikolu 173 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 27 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-TFUE dwar is-suq intern u l-kompetizzjoni,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2016 bit-titolu “Il-mexxejja li jmiss tal-Ewropa: l-Inizjattiva favur in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu” (COM(2016)0733),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jstabbilixxi l-Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jstabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013¹ (Regolament Orizzont Ewropa),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2021 bit-titolu “Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa” (COM(2021)0350),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Lulju 2022 bit-titolu “Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni ġdida” (COM(2022)0332),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2022 dwar l-implimentazzjoni tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni²,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Lulju 2023 dwar l-istat tal-Unjoni tal-SMEs³,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2023 dwar il-Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs (COM(2023)0535),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0383/2023),

¹ ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1.

² ĠU C 167, 11.5.2023, p. 8.

³ Testi adottati, P9_TA(2023)0294.

- A. billi għalkemm ġew ippubblikati diversi komunikazzjonijiet mill-istituzzjonijiet tal-UE dwar negozji ġodda, għadhom ma ġew adottati l-ebda definizzjonijiet konkreti ta' negozju ġdid jew ta' negozju li qed jespandi;
- B. billi n-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu huma kkaratterizzati minn riżorsi limitati tal-persunal u kapaċità komparattivament limitata biex jikkonformaw ma' reġimi regolatorji kumplessi jew proċeduri ta' finanzjament; billi l-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom u l-isfidi speċifiċi ta' spiss huma ta' natura differenti minn dawk ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) stabbiliti;
- C. billi l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) ġie stabbilit taħt ir-Regolament Orizzont Ewropa,
- D. billi l-Kummissjoni għandha diversi inizjattivi fis-seħħ immirati lejn il-promozzjoni tal-intraprenditorija, l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali fl-UE, bħall-inizjattiva favur in-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, it-tabella ta' valutazzjoni tal-ekoinnovazzjoni, il-Komunitajiet ta' Konozzenza u l-Innovazzjoni (KICs), il-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti, id-Deċennju Diġitali u l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali, kif ukoll programmi ta' finanzjament iddedikati għall-innovazzjoni f'oqsma ta' politika oħra;
- E. billi hemm disparitajiet storiċi notevoli bejn il-kultura ta' investiment fl-Ewropa u f'reġjuni oħra tad-dinja, notevolment għall-kapital ta' riskju u l-investiment informali;
- F. billi l-UE hija impenjata li ttejjeb il-kompetittività industrijali u teknoloġika tagħha fis-suq globali, toħloq ktajjen tal-provvista reżiljenti u diversifikati u tmexxi fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u għalhekk tirrikonozzi l-ħtieġa li ttejjeb il-pożizzjoni tagħha permezz ta' appoġġ sostnut għat-tkabbir ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu, peress li jistgħu jrawmu l-innovazzjoni u jippromwovu l-oġettivi tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali;
- G. billi l-UE tirrikonozzi l-potenzjal ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu biex imexxu l-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE, jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà, jippromwovu s-sostenibbiltà u jikkontribwixxu għall-oġettivi stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-programm Ewropa diġitali, l-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni u l-istrateġija industrijali aġġornata tal-UE;
- H. billi t-trawwim tal-innovazzjoni transsettorjali u l-inkoraġġiment tal-kollaborazzjoni u l-iskambji tal-għarfien fost industrijali varji huma imperattivi biex jitmexxew il-kreattività, l-efċjenza u t-tkabbir trasformattiv fi ħdan ix-xenarju tan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu;
- I. billi n-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu bħalissa huma mfixkla minn nuqqas ta' integrazzjoni tas-suq uniku, diskrepanzi regolatorji u piżijiet amministrattivi eċċessivi; billi l-kompetittività Ewropea għadha lura b'rispett ta' ekonomiji żviluppata oħra, u qed thedded il-potenzjal tal-Ewropa li tiġġenera tkabbir u prosperità;
- J. billi l-għajnuna mill-Istat u r-regoli tal-kompetizzjoni mdgħajfa fl-Unjoni jistgħu jirriskjaw li jżidu l-ostakli għad-dħul fis-suq, b'mod partikolari fil-kuntest tan-negozji

ġodda u n-negozji li qed jespandu, u jistgħu jfixklu l-allokkazzjoni kompetittiva tal-kapital ibbażata fuq il-mertu;

- K. billi t-trawwim ta' ekosistema ta' negozji ġodda inklużiva hija ta' importanza kbira, peress li d-diversità fit-timijiet u fit-tmexxija sservi bħala katalist għall-innovazzjoni, il-kreattività u r-reżiljenza;
- L. billi infrastruttura diġitali robusta u konnettività mifruxa huma prerekwiżiti fundamentali u faċilitaturi essenzjali ta' innovazzjoni diġitali inklużiva għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu; billi hemm differenzi reġjonali sinifikanti fi ħdan l-UE f' dan ir-rigward; billi hemm bżonn ta' aktar investiment u avvanzi fl-infrastruttura diġitali biex ilaħħqu mad-domanda tat-teknoloġiji li qed jevolvu u biex l-UE tkun tista' tibqa' minn ta' quddiem fl-innovazzjoni fix-xena globali;
- M. billi r-rapport tal-2023 dwar l-istat tad-Deċennju Diġitali⁴ jissottolinja l-fatt li huwa meħtieġ aktar progress fit-trasformazzjoni diġitali tan-negozji, speċjalment fir-rigward tal-użu tal-IA, il-big data u l-cloud computing;
- N. billi aspekt ċentrali ta' attività intraprenditorjali ta' suċċess huwa l-abbiltà li jinnovaw, jadattaw u jidentifikaw lakuni fis-suq biex jiġu pprovduti prodotti jew servizzi kompetittivi lill-klijenti fuq skala li fl-aħħar mill-aħħar tkun profittabbli; billi għal dawk li jfasslu l-politika, dan jimplika li l-aktar azzjoni effettiva għall-promozzjoni ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu fl-Unjoni hija l-appoġġ ta' ambjent regolatorju favorevoli li jiffaċilita d-dħul fis-suq, l-espansjoni tan-negozju u l-aċċess għall-kapital, bil-għan li tistimula l-innovazzjoni, tippromwovi kompetizzjoni b'saħħitha u jiġu żgurati benefiċċji massimi għall-konsumaturi;

Definizzjonijiet

1. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex tipproponi definizzjonijiet armonizzati u wesgħin għal negozju ġdid u negozju li qed jespandi rispettivament, ibbażati fuq l-iskalabbiltà, filwaqt li tqis kif huma differenti minn xulxin u l-istatus partikolari tagħhom relativ mal-SMEs, sabiex tiġi evitata l-esklużjoni involontarja ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu minħabba definizzjonijiet restrittivi;
2. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi n-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu fi ħdan l-SMEs, u biex tuża din id-definizzjoni fil-kuntest tal-politika u l-istatistika;
3. Jinsab imħasseb li n-nuqqas li jiġu adottati definizzjonijiet xierqa jista' jimmina l-effettività tal-politiki u l-leġiżlazzjoni eżistenti; jinnota li, għalkemm negozji ġodda u SMEs għandhom xi interessi li jikkoinċidu, huma jvarjaw sostanzjalment ladarba jidħlu fil-fażijiet ta' ġbir ta' fondi, tkabbir u maturità; jenfasizza, barra minn hekk, li n-negozji ġodda jiltaqgħu ma' inċertezza u riskju għoli ta' falliment, u jiddependu fuq ekosistemi u klassi differenti ta' investitur; jemmen, għalhekk, li s-sempliċi klassifikazzjoni ta' negozji ġodda bħala SMEs tillimita t-tkabbir tagħhom, l-aċċess għas-swieq u l-opportunitajiet biex jinvestu;

⁴ Kummissjoni Ewropea, "[Rapport tal-2023 dwar l-istat tad-Deċennju Diġitali](#)", 27 ta' Settembru 2023.

4. Huwa konvint li definizzjonijiet iddedikati se jżidu l-opportunitajiet għall-appoġġ permezz ta' miżuri li huma mfassla għall-ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu billi jagħtu spinta lill-aċċess tagħhom għas-swieq kapitali Ewropej u għall-investituri privati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkoordinaw aktar l-isforzi rispettivi tagħhom biex jattiraw il-kapital privat f'negozji ġodda u negozji li qed jespandu biex jaqsmu "l-widien tal-mewt" suċċessivi u jimlew il-lakuni rispettivi; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija Ewropea komprensiva favur in-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu li tippromwovi l-innovazzjoni u tindirizza l-isfidi li jiltaqgħu magħhom l-innovaturi individwali, il-fundaturi, in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu;

Aċċess għall-finanzjament

5. Jenfasizza l-isfidi li jiltaqgħu magħhom in-negozji ġodda Ewropej fl-aċċess għall-finanzjament, inklużi d-diffikultajiet biex jespandu malajr in-negozji madwar l-Ewropa; iħeġġeġ lill-gvernijiet, lill-istituzzjonijiet finanzjarji u lill-investituri privati jikkollaboraw u jiżviluppaw strateġiji biex tiġi kkultivata kultura ta' investment aktar tolleranti għar-riskju;
6. Jenfasizza l-impatt sinifikanti li l-ħlasijiet tard għandhom fuq il-likwidità għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu; jinnota li s-soluzzjonijiet diġitali jistgħu jintużaw biex jiffaċilitaw aktar trasparenza tal-fatturi u ħlasijiet aktar mgħagħla tal-fatturi;
7. Jenfasizza r-rwol tal-investituri istituzzjonali, bħall-fondi tal-pensjonijiet u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni, u jappella li dawn jitħallew jinvestu porzjon akbar tal-portafolli tagħhom f'kapital ta' riskju u investimenti fi stadju bikri, peress li dan jipprovdi sors vitali ta' finanzjament fuq terminu twil għal negozji ġodda; ifakkar li l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1023⁵ dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv u t-tieni ċans għandha l-għan li tbiddel il-kultura avversa għar-riskju fl-Ewropa;
8. Ifakkar fir-rwol katalitiku li għandu l-appoġġ pubbliku mmirat, fil-forma ta' għotjiet, self u garanziji ta' self, biex jitnaqqas id-distakk ta' finanzjament għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu meta l-investment privat ikun insuffiċjenti jew mhux disponibbli; huwa tal-fehma li l-użu mill-istituzzjonijiet pubbliċi tal-UE tal-investment azzjonarju bħala għodda ta' politika għandu jibqa' eċċezzjoni u għandu, bħala prinċipju ta' gwida ġenerali, jindirizza biss in-nuqqasijiet tas-suq; jistenna li l-Kummissjoni tieħu l-akbar attenzjoni tal-interessi tan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu fl-aċċess kompetittiv għas-suq meta tevalwa l-eżenzjonijiet mir-regoli tal-għajjnuna mill-Istat, ir-regoli tal-kontroll tal-amalgamazzjonijiet u t-tnaqqis tad-dispożizzjonijiet tal-politika tal-kompetizzjoni;
9. Jisħaq li, fl-ekonomiji tas-suq, il-mekkaniżmu primarju biex jiffinanzja l-ħtiġijiet kapitali tan-negozji, inklużi dawk ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu, huwa permezz ta' dejn privat u swieq ta' ekwità; iħeġġeġ it-tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali biex timmobilizza l-kapital privat u ttejjeb il-moviment transfruntier ta' tali

⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn, u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (Direttiva dwar ir-ristrutturar l-insolvenza) (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 18).

kapital fl-Unjoni; jappella għal approċċ komprensiv biex jiġu indirizzati d-disparitajiet reġjonali u l-ostakli li jxekklu l-aċċess għall-finanzi fi ħdan l-ekosistema Ewropea ta' negozji ġodda, filwaqt li jiġu rikonossuti x-xenarji finanzjarji differenti fost l-Istati Membri u r-reġjuni;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja u tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu innovattivi fil-programmi ta' finanzjament tal-UE u tiżgura aċċess aktar faċli għal proċessi ta' applikazzjoni li jkunu aktar sempliċi għall-programmi ta' finanzjament tal-UE u sejħiet għall-offerti, kif ukoll ħruġ aħjar, aktar mgħaġġel u eħfef ta' dawn il-fondi; jirrikonossi x-xenarju finanzjarju attwali, li fih negozji ġodda jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jaċċessaw finanzjament immirat permezz ta' għotjiet, garanziji u self minħabba ostakli burokratiċi u perjodi ta' stennija fit-tul wara l-approvazzjoni tal-għotja; jenfasizza l-ħtieġa li l-istruttura ta' finanzjament eżistenti tal-UE tiġi adattata għar-rekwiżiti distintivi ta' negozji ġodda biex jiġi żgurat li l-appoġġ finanzjarju rilevanti ma jkunx soġġett għal piżijiet amministrattivi żejda; jisħaq, b'mod partikolari, fuq il-ħtieġa li jitħaffef l-iżborż tal-fondi approvati, billi jiġi minimizzat il-perjodu ta' stennija bejn l-approvazzjoni tal-għotja u l-irċevuta tal-fondi;
11. Jirrikonossi li, minħabba l-ħtiġijiet uniċi tagħhom, is-setturi u l-industriji tal-kultura u kreattivi jeħtieġu mekkaniżmi finanzjarji aċċessibbli u mfassla apposta; jappella għal finanzjament immirat għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu fi ħdan is-setturi u l-industriji tal-kultura u kreattivi;
12. Ihegġegħ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jipprijoritizzaw l-investimenti fl-infrastruttura diġitali fiż-żoni urbani u rurali, billi jadottaw approċċ li jaħseb 'il quddiem li jappoġġja t-tkabbir u s-sostenibbiltà tan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu u jsaħħaħ it-tmexxija diġitali tal-Ewropa;
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw l-ostakli li n-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu jiffaċċjaw fl-aċċess ta' finanzjament u proċessi ta' applikazzjoni ta' finanzjament imfassla apposta b'mod li jippermetti aċċess aktar faċli għall-finanzjament; jappella li l-isforzi jkunu ffukati fuq l-armonizzazzjoni mgħaġġla tas-swieq kapitali madwar l-Unjoni;
14. Ihegġegħ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' finanzjament għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu, inkluż l-akkwist pubbliku u l-għoti ta' għotjiet, self, garanziji u finanzjament kollettiv, filwaqt li tiegħu ħsieb li ma tkeċċix l-investment privat; ihegġgħa biex torjenta mill-ġdid il-fondi eżistenti biex jimmiraw lejn in-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu Ewropej b'mod aktar effettiv, inkluż permezz ta' sejħa speċjali għal proġetti għal teknoloġija profonda u teknoloġija ekoloġika; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żviluppata sistema pan-Ewropea volontarja ta' referenza ta' kreditu għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu li ma jingħatawx self bankarju; jisħaq fuq il-ħtieġa li jespandu inizjattivi bħal VentureEU biex jattiraw investment privat akbar fit-tul għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu; ihegġegħ lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex isaħħu l-inċentivi għal investment fi stadju bikri mill-investituri informali u mill-investituri; jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-aħjar Prattiki rilevanti madwar l-UE u tipprovdi rakkomandazzjonijiet biex tippromwovi qafas komuni;

15. Iħeġġeġ lill-aġenziji tal-gvern u lill-investituri privati jipprovdu għotjiet aktar immirati u self b'imgħax baxx lil negozji ġodda u negozji li qed jespandu f'diversi stadji ta' tkabbir, filwaqt li jżommu mekkaniżmi kompetittivi ta' allokkazzjoni ta' kapital u jieħdu l-akbar attenzjoni biex ma jeskludux l-investment privat;
16. Huwa favur il-ħolqien ta' inċentivi u mekkaniżmi ta' finanzjament biex jappoġġjaw proġetti transsettorjali biex jippermettu lil negozji ġodda u negozji li qed jespandu jexploraw kollaborazzjonijiet mhux konvenzjonali u jagħmlu użu minn għarfien esperti divers, partikolarment f'oqsma bħall-enerġija rinnovabbli, il-bijoteknoloġija, il-bliet intelliġenti u s-setturi u l-industriji tal-kultura u kreattivi;

Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni

17. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC), li għandu l-għan li jappoġġja, permezz ta' għotjiet u strumenti finanzjarji, negozji ġodda innovattivi u negozji li qed jespandu li, minkejja li kellhom każ kummerċjali validu, ma setgħux jiżguraw finanzjament minħabba l-falliment tas-suq; jappella biex il-Fond tal-EIC jagħti attenzjoni speċjali lill-bilanċ ġeografiku; jilqa' l-pjan ta' azzjoni ta' twessigħ tal-EIC u l-għan ġenerali li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi li qed jitwessgħu għal sehem ta' mill-inqas 15 % tal-finanzjament fl-istrumenti kollha tal-EIC, kif inhu rakkomandat mill-Bord tal-EIC; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ l-azzjonijiet rakkomandati mill-Bord tal-EIC sabiex tiżgura li l-Fond tal-EIC ikollu impatt tassew Ewropew;
18. Jenfasizza l-ħtieġa li l-EIC ikun attur kredibbli tas-suq; ifakkar li l-investimenti tal-EIC għandu jkollhom l-għan li "jressqu viċin" lill-investituri privati aktar milli jkeċċuhom; jappella għal, fid-dawl tal-attività li qed tiżdied tal-EIC, strateġija ċara dwar il-ġestjoni tal-Fond tal-EIC, inkluż fir-rigward tal-metodi u l-kriterji għall-allokkazzjoni tal-kapital u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-manigiers tal-fondi; japprezza d-diliġenza dovuta ta' kwalità għolja mwettqa mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li din il-kwalità tinżamm, f'konformità mal-istandards tas-suq; jilqa' u jinkoraġġixxi l-isforzi tal-Bord tal-EIC biex jindirizza b'mod proattiv il-kunflitti ta' interess permezz ta' regoli ċari u trasparenti; jilqa' l-kodiċi ta' kondotta adottat għall-konsulenti li joffru servizzi lill-applikanti għal sejħiet tal-EIC;

Bank Ewropew tal-Investment

19. Iħeġġeġ lill-Grupp tal-BEI, inkluż il-Fond Ewropew tal-Investment, u lill-banek nazzjonali tal-iżvilupp biex iżidu b'mod ekwu l-appoġġ finanzjarju lil negozji ġodda u negozji li qed jespandu, inklużi dawk li joperaw f'setturi emerġenti u b'potenzjal għoli, b'mod partikolari fl-oqsma tal-enerġija u tar-reżiljenza għall-klima tal-UE u t-trasformazzjoni diġitali; josserva li ħafna negozji ġodda mhumiex konxji biżżejjed mill-offerti tal-BEI u jenfasizza li komunikazzjoni aħjar u sforzi ta' sensibilizzazzjoni mill-BEI huma essenzjali biex jiġi żgurat li n-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-istrumenti u l-appoġġ finanzjarju tal-BEI;
20. Jirrikonoxxi, b'mod partikolari, li l-Grupp tal-BEI għandu rwol kruċjali fil-forniment ta' strumenti finanzjarji u riżorsi biex jappoġġjaw lil negozji ġodda u negozji li qed jespandu ta' teknoloġija nadifa madwar l-Unjoni; jappoġġja appoġġ dedikat għas-self tal-BEI għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu involuti fit-tranżizzjonijiet

ekoloġiċi u diġitali biex jindirizzaw id-differenza fil-finanzjament għall-investimenti fl-infrastruttura u l-kapaċità tal-manifattura, soġġett għal kundizzjonijiet; jenfasizza r-rwol kruċjali tal-BEI fl-impenn tal-Unjoni għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Ftehim ta' Pariġi;

Akkwist pubbliku

21. Jappella għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi effiċjenti u trasparenti biex jiffaċilitaw l-aċċess għal kuntratti ta' akkwist pubbliku għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu li, meta mqabbla ma' kumpaniji stabbiliti, m'għandhomx l-istess kapaċitajiet legali u amministrattivi, rekord jew esperjenza fl-interazzjoni ma' amministrazzjonijiet pubbliċi, u biex jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tagħhom fl-għoti ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi tas-settur pubbliku;

Piżijiet regolatorji

22. Jilqa' l-mira tal-Kummissjoni li tnaqqas il-piżijiet assoċjati mar-rekwiżiti ta' rappurtar b'25 % mingħajr ma jiġu mdgħajfa l-oġettivi tal-politika; jemmen li l-Kummissjoni għandha tqis ir-restrizzjonijiet speċifiċi u strutturali tan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu f'dan ir-rigward sabiex tonqos il-pessjoni tal-ispejjeż u tiġi promossa l-kompetittività; jappella għal approċċ ibbilanċjat dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE fir-rigward tat-trawwim tat-tkabbir, l-intraprenditorija u t-tranżizzjonijiet doppji; jappella għall-applikazzjoni konsistenti tal-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" fid-deliberazzjonijiet interni u fost il-proposti leġiżlattivi rilevanti u l-inizjattivi ta' politika;
23. Jenfasizza l-importanza tas-simplifikazzjoni u l-avvanz tal-prinċipju ta' "darba biss" għall-kondiviżjoni tad-data bejn l-amministrazzjonijiet u l-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku" fi proċeduri amministrattivi, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri; jemmen li l-istandardizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri u l-formoli, f'konformità ma' dawn il-prinċipji, se jgħinu b'mod sinifikanti lin-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu billi jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fit-tul; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu progress fl-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji;
24. Jappella għall-istabbiliment ta' regolamenti u oqfsa favur in-negozji ġodda li jiffaċilitaw it-tkabbir, l-iskalabbiltà u l-operazzjonijiet transkonfinali tan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu, filwaqt li jiżguraw il-protezzjoni tal-konsumatur, il-privatezza tad-data u l-kompetizzjoni ġusta; jenfasizza l-importanza li jiġu limitati l-ispejjeż ta' konformità għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu; jistieden lill-Kummissjoni tespandi l-appoġġ għall-SMEs, in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu fin-navigazzjoni tal-kumplessità regolatorja, billi tespandi l-programmi għall-promozzjoni tal-kliniċi legali, pereżempju fil-kuntest ta' Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali taħt il-programm Ewropa diġitali;
25. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tiżviluppa u tadotta "test għal negozji ġodda", fuq l-istess linja tat-test tal-SMEs li adottat fl-2021, sabiex tivvaluta aħjar l-impatt tal-leġiżlazzjoni li tiffoka fuq l-innovazzjoni, il-finanzjament u l-kompetittività; jieħu nota tal-proposta tal-President tal-Kummissjoni biex jiġi stabbilit kontroll tal-kompetittività għal-leġiżlazzjoni ġdida tal-UE li għandha titwettaq minn bord indipendenti; iqis li dan il-kontroll tal-kompetittività għandu jkollu qafas speċjali fir-rigward ta' negozji ġodda u

negozji li qed jespandu u l-SMEs biex jiġi żgurat li r-regolamentazzjoni tinċentiva l-bidu ta' negozji ġodda fl-Ewropa;

26. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tevalwa l-effett fuq in-negozji l-ġodda li għandha l-leġislazzjoni futura ffukata fuq l-SMEs, l-industrija u l-innovazzjoni, filwaqt li tqis il-ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tan-negozji l-ġodda;
27. Jieħu nota ta' għodda ġodda ta' regolamentazzjoni aħjar u l-prinċipju ta' "one in, one out"; jemmen li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtieġu ambizzjoni saħansitra akbar fir-rigward tas-simplifikazzjoni regolatorja u t-tnaqqis tal-ispiża tal-konformità, inkluż permezz tal-applikazzjoni konsistenti tal-liġi tal-UE fost l-Istati Membri u billi jiġu indirizzati liġijiet li jikkoinċidu fis-suq uniku, b'mod partikolari għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu; jemmen li din is-simplifikazzjoni hija essenzjali biex jitrawmu l-innovazzjoni u l-kompetittività;

Akkwist ta' talent

28. Jenfasizza l-urġenza li jitnaqqas id-distakk li jidher li jeżisti fit-talent u li tinħoloq ekosistema li fiha t-talent mhux biss ikun abbondanti, iżda wkoll integrat bis-sħiħ fis-settur tat-teknoloġija; jinnota bi tħassib li l-UE kollha kemm hi għandha inqas programmi ta' studju għall-ewwel grad fl-IA minn xi pajjiżi ferm iżgħar; jemmen li hemm bżonn ta' approċċ immirat fil-livell tal-UE biex dan jiġi rratifikat; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-pjan ta' azzjoni għall-edukazzjoni diġitali, l-inizjattiva tal-universitajiet Ewropej u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, b'mod aktar wiesa', jistgħu jiġu estiżi biex jiffaċilitaw aktar l-istabbiliment ta' kollaborazzjonijiet strateġiċi bejn l-istituzzjonijiet akkademiċi u l-industrija biex jiġi żgurat li l-gradwati jkunu ppreparati sew u mgħammra bil-ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol dinamiku; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-investimenti fit-taħriġ u l-edukazzjoni billi joħolqu programmi ta' studju u korsijiet iffukati fuq ħiliet intraprenditorjali u teknoloġiċi, filwaqt li jintegraw ukoll inizjattivi ta' taġħlim tul il-ħajja għall-intraprendituri diġà attivi fis-settur, b'mod partikolari għal negozji li qed jespandu;
29. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw inizjattivi li jippromwovu l-ħiliet diġitali u industrijali, il-kooperazzjoni, il-kondiviżjoni tal-għarfien, l-intraprenditorja u l-mentoraġġ fil-livelli kollha tal-edukazzjoni biex jgħammru lill-individwi bl-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex jirnexxu fl-era diġitali; jinnota l-importanza tal-ħiliet tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) f'dan ir-rigward;
30. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw kampanji ta' għarfien biex jippromwovu l-impjiegi f'ambjenti diġitali u industrijali, b'enfasi speċifika fuq li jattiraw aktar talent femminili lejn dawn is-setturi;
31. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tinkludi n-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu fil-programmi ta' ħiliet u talent taġħha u tenfasizza l-opportunitajiet li n-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu jipprovdu għal gradwati żgħażaġħ, inkluż l-impjiegi; jemmen li l-programmi u l-inizjattivi edukattivi eżistenti tal-Unjoni, b'mod speċjali l-Erasmus+, jistgħu jiġu sfruttati għal dawn l-oġettivi;

32. Jisħaq li, fi żminijiet ta' swieq tax-xogħol stretti tal-UE għall-impjegati tas-sengħa, l-iffaċilitar tar-reklutaġġ ta' talent internazzjonali huwa essenzjali; jisħaq fuq l-importanza tas-salvagwardja tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, il-promozzjoni tad-diversità u l-inklusività fi ħdan l-ekosistema ta' negozji ġodda u li qed jespandu u l-iżgurar ta' opportunitajiet ekwi għal kulħadd, inklużi ż-żgħażaġh, il-professjonisti stabbiliti u l-gruppi sottorappreżentati; jinnota, f'dan ir-rigward, l-inizjattiva tal-Kummissjoni li twaqqaf ir-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Aċċess għas-suq u kompetizzjoni

33. Huwa konvint li l-ħolqien tal-kundizzjonijiet għan-negozji innovattivi biex joperaw f'ambjent sempliċi, ċar u prevedibbli huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-kapaċità tagħhom li jikbru u jespandu fis-suq uniku, peress li l-opportunità li jkollhom aċċess għal suq usa' se żżid il-kapaċità tagħhom li jattiraw l-investituri; jisħaq fuq l-importanza ta' oqfsa ta' politika li jiffaċilitaw u jappoġġjaw il-kollaborazzjoni, billi jneħħu l-ostakli li jirriżultaw minn reġimi regolatorji nazzjonali inkonsistenti u jipprovdu l-inċentivi meħtieġa biex jipromwovu parteċipazzjoni attiva mill-partijiet interessati kollha fi ħdan l-ekosistema tal-innovazzjoni; jappella li jkun hemm mekkaniżmi biex jittaffew ir-riskji assoċjati mal-espansjoni internazzjonali biex jiġi żgurat li n-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu jkollhom l-appoġġ u l-gwida meħtieġa biex jinnavigaw l-inċertezzi inerenti fis-swieq globali;
34. Jirrikonoxxi li, skont il-Deep Tech Finder tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, aktar minn 10 % tan-negozji ġodda Ewropej li applikaw għal privattivi Ewropej diġà bbenefikaw mill-finanzjament tal-EIC; huwa konvint mill-ħtieġa li titqajjem kuxjenza dwar l-importanza tal-proprjetà intellettwali; huwa tal-fehma li r-riforma tal-Privattiva Unitarja⁶ hija eżempju tajjeb li għandha l-għan li tipprovdi protezzjoni uniformi fil-pajjiżi parteċipanti kollha, fuq bażi ta' punt uniku ta' servizz, billi tnaqqas il-piżijiet amministrattivi u tiżgura l-konsistenza fil-ġurisprudenza; jistieden lill-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx il-Ftehim dwar il-Qorti Unifikata tal-Privattivi biex jagħmlu dan għall-benefiċċju tal-ekosistema ta' negozju ġdid;
35. Jinnota l-oġġettivi tal-UE li jikkonċernaw l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti⁷ u jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra kif jistgħu jitressqu inizjattivi addizzjonali biex tiżdied il-kompetittività ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu Ewropej involuti fil-ktajjen tal-valur tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti u jikkontribwixxu għal pożizzjoni tagħhom fil-kamp ta' kompetizzjoni globali ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti; jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex tivvaluta kif in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu rispettivament jistgħu jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE, u biex tqis ir-rwol tagħhom fil-proċessi ta' ppjanar tagħha, bħall-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima;

⁶ S'issa, aktar minn 35 % tal-applikanti li talbu privattiva unitarja huma SMEs, meta mqabbla ma' 20 % għal privattivi Ewropej ordinarji.

⁷ Proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti) (COM(2023)0161).

36. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi kkultivat xenarju teknoloġiku li jinkorpora kemm il-kompetizzjoni kif ukoll l-innovazzjoni; huwa tal-fehma li l-mekkaniżmi regolatorji jridu jadattaw u jevolvu b'mod sinkronizzat mal-avvanzi teknoloġiċi u ċ-ċaqliq fis-suq biex isostnu l-kompetittività u l-innovazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' negozji ġodda Ewropej; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet u strateġiji komprensivi dwar kif tintuża l-innovazzjoni teknoloġika permessa minn negozji ġodda u negozji li qed jespandu biex jippromwovu l-kompetittività u jiksbu miri klimatiki;

Aċċess għad-data

37. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippermetti għarfien dwar id-data pubblika f'ħin reali li jagħti s-setgħa għal teħid ta' deċiżjonijiet aħjar u jmessi l-innovazzjoni għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu, filwaqt li tipproteġi d-data personali u data oħra ta' natura sensittiva, f'konformità mal-leġiżlazzjoni attwali tal-UE dwar id-data; jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-industrija, taħt il-qafas għall-aċċess għad-data finanzjarja, biex tistabbilixxi standards konsistenti u armonizzati għal settijiet ta' data finanzjarja, kif ukoll qafas biex tiġi żgurata kondiviżjoni ta' data finanzjarja aktar affidabbli, effiċjenti u innovattiva bejn in-negozji, il-partijiet terzi u l-gvernijiet;
38. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni armonizzata u effettiva tar-regolamenti diġitali riċenti, b'mod partikolari l-Att dwar is-Servizzi Diġitali⁸, l-Att dwar is-Swieq Diġitali⁹, l-Att dwar il-Governanza tad-Data¹⁰, l-Att dwar id-Data¹¹ u l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali¹² li jmiss; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jrawmu ekosistema mmexxija mill-Ewropa ta' swieq għal data mhux personali; jissuġġerixxi l-iżvilupp ta' oqfsa biex jarmonizzaw it-trattament ta' settijiet ta' data bħala assi fil-kontabilità u r-rappurtar finanzjarju;

Ekosistema tal-innovazzjoni u strutturi ta' appoġġ

39. Jilqa' l-avviżi dwar il-ħatra ta' rappreżentant tal-UE għall-SMEs; jenfasizza ulterjorment il-ħtieġa li dan ir-rappreżentant jagħmel analiżi komprensiva u joħroġ rapporti perjodiċi dwar l-istatus ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu Ewropej, li jinkludu l-ostakli u l-problemi ta' kuljum tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħtar punti ta' kuntatt tan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu fid-direttorati ġenerali rilevanti biex jikkoordinaw aħjar politiki ddedikati; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi network dedikat ta' konsulenti għal negozji li qed jespandu bħala parti min- Network Enterprise Europe;

⁸ Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).

⁹ Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) (ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1).

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-Data) (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 1).

¹¹ Proposta tal-Kummissjoni tat-23 ta' Frar 2022 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha (L-Att dwar id-Data) (COM(2022)0068).

¹² Proposta tal-Kummissjoni tal-21 ta' April 2021 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġiżlattivi tal-Unjoni (COM(2021)0206).

40. Jenfasizza l-importanza fundamentali li tinħoloq ekosistema ta' negozji ġodda inklużiva li tipprovdi impjiegi b'opportunitajiet ekwi għal kulħadd, inklużi ż-żgħażaġh, il-professjonisti stabbiliti u l-gruppi sottorappreżentati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jressqu inizjattivi u politiki proattivi li jippromwovu l-inklussività b'mod attiv, billi jindirizzaw l-ostakli sistemiċi u l-preġudizzji u billi jrawmu kundizzjonijiet ekwi għall-gruppi sottorappreżentati; jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' programmi ta' mentoraġġ rilevanti, opportunitajiet ta' networking u inizjattivi edukattivi u oħrajn li jimmiraw speċifikament għal gruppi sottorappreżentati;
41. Jappella għall-għarfien espert biex jinġabar permezz ta' sħubijiet strateġiċi, kollaborazzjoni u kondivizzjoni ta' għarfien u riżorsi fost l-akkademja, l-atturi tal-industrija u l-aġenziji tal-gvern, billi jisfruttaw is-saħħiet u l-kompetenza kollettiva tagħhom fil-kuntest tal-istrateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti;
42. Jirrakkomanda li jissaħħu l-ekosistemi reġjonali ta' negozji ġodda li jiġbru flimkien universitajiet lokali, intraprendituri, kumpaniji u entitajiet tas-settur pubbliku, inkluż permezz ta' ċentri ta' innovazzjoni, inkubaturi, aċċeleraturi u bennejja ta' riskju, biex jisfruttaw is-saħħiet u r-riżorsi ta' kull reġjun; jistieden lill-Kummissjoni tikkoordina aħjar bejn il-politika tal-innovazzjoni bbażata fuq il-post u l-politika tal-innovazzjoni mmexxija mill-eċċellenza fil-livell tal-Unjoni; jieħu nota tal-istejjer ta' suċċess minn ekosistemi ta' negozji ġodda u l-lezzjonijiet meħuda mill-esperjenzi tagħhom; jirrakkomanda li dawn l-ekosistemi reġjonali ta' negozji ġodda jsiru forum għall-mexxejja tal-ekosistemi għall-kondivizzjoni tal-ideat u tal-aħjar Prattiki;
- o
- o o
43. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Analiżi tan-Negozji l-Ġodda u l-Isfidi Speċifiċi

In-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu għandhom rwol kritiku biex jixprunaw l-innovazzjoni, il-ħolqien tal-impjiegi, u t-tkabbir ekonomiku fl-UE. Madankollu, jiffaċċjaw bosta sfidi li jxekklu l-iżvilupp u l-iskalabbiltà tagħhom.

1. Aċċess limitat għall-finanzjament: L-aċċess għall-kapital għadu ostaklu sinifikanti għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu. Bosta jsibuha diffiċli biex jiżguraw investimenti fi stadju bikri, b'mod partikolari l-kapital ta' riskju, li huma kruċjali biex jespandu l-operazzjonijiet tagħhom, jiżviluppaw prodotti u jidħlu fi swieq ġodda. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom itejbu l-mekkaniżmi ta' finanzjament u joħlqu ambjent abilitanti għall-investituri privati biex jappoġġjaw lin-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu.

2. Piżijiet regolatorji: Negozji ġodda spiss jiffaċċjaw regolamenti kumplessi u ta' piż li jimpedixxu t-tkabbir tagħhom. Il-konformità mar-regolamenti relatati mal-protezzjoni tad-data, id-drittijiet tal-konsumatur, il-proprjetà intellettuali, u t-tassazzjoni tista' tkun ta' sfida għal impriżi fi stadju bikri b'riżorsi limitati. Is-simplifikazzjoni tar-regolamenti, l-implimentazzjoni ta' linji gwida ċari, u l-għoti ta' appoġġ regolatorju mfassal apposta għall-ħtiġijiet tan-negozji l-ġodda huma essenzjali biex jitrawwem ambjent favorevoli.

3. Akkwist ta' talenti: In-negozji l-ġodda jirrikjedu forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati biex jixprunaw l-innovazzjoni u t-tkabbir. Madankollu, l-attrazzjoni u ż-żamma tat-talent jistgħu jkunu ta' sfida minħabba l-kompetizzjoni minn kumpaniji stabbiliti u riżorsi limitati għal pakketti ta' remunerazzjoni kompetittivi. It-tiġid tal-edukazzjoni intraprenditorjali u l-promozzjoni tal-ħiliet diġitali fl-UE huma passi kruċjali biex jiġi indirizzat id-distakk fit-talent.

4. Aċċess għas-suq u kompetizzjoni: L-espansjoni lil hinn mill-fruntieri nazzjonali hija essenzjali għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu biex jaċċessaw swieq akbar u jrawmu l-kompetittività internazzjonali. Madankollu, jistgħu jsibuha diffiċli biex jinnavigaw regolamenti differenti, ostakli kulturali u sfidi speċifiċi għas-suq. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-operazzjonijiet transfruntiera billi jarmonizzaw ir-regolamenti, jipprovdu appoġġ għad-dħul fis-suq, u jippromwov u l-kollaborazzjoni internazzjonali.

5. Ekosistema tal-innovazzjoni u strutturi ta' appoġġ: Il-ħolqien ta' ekosistema ta' appoġġ huwa kruċjali għas-suċċess ta' negozji ġodda. L-aċċess għall-inkubaturi, l-aċċeleraturi, il-programmi ta' mentoraġġ, u l-opportunitajiet ta' networking jgħin lin-negozji l-ġodda jiżviluppaw il-prodotti tagħhom, jikkollegaw mal-investituri, u jiksbu għarfien dwar is-suq. It-tiġid tal-istrutturi ta' appoġġ eżistenti, it-trawwim tal-kollaborazzjoni bejn in-negozji l-ġodda u l-kumpaniji stabbiliti, u l-promozzjoni tal-kondiviżjoni tal-għarfien huma elementi essenzjali ta' ekosistema ta' negozji ġodda li tiffjorixxi.

Konklużjoni

Sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tan-negozji l-ġodda u tan-negozji li qed jespandu biex jixprunaw l-innovazzjoni u jsaħħu l-kompetittività industrijali u teknoloġika tal-UE, iridu jittieħdu miżuri komprensivi. Billi tindirizza l-isfidi, bħall-aċċess limitat għall-finanzjament, il-piżijiet regolatorji, l-akkwist tat-talenti, u l-aċċess għas-suq, l-UE tista' trawwem ambjent favorevoli għan-negozji l-ġodda u għan-negozji li qed jespandu biex jirnexxu. Huwa kruċjali għall-Kummissjoni, l-Istati Membri, u l-partijiet ikkonċernati rilevanti li jikkollaboraw fl-implimentazzjoni ta' politiki mmirati, u fl-aħħar mill-aħħar isaħħu l-pożizzjoni tal-UE bħala mexxejja globali fl-innovazzjoni u t-teknoloġija.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
MINN GĦAND MIN IR-RAPPORTEUR IRĊIEVA INPUT**

Skont l-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew persuni li ġejjin fit-tnejn tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Entità u/jew persuna	
1.	France Digitale
2.	BESCO
3.	Allied for Startups
4.	Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi
5.	NOVE
6.	NetZero
7.	Dioxycle

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-Rapporteur.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

Data tal-adozzjoni	28.11.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 49 -: 2 0: 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Nicola Beer, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Paolo Borchia, Marc Botenga, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Ignazio Corrao, Beatrice Covassi, Ciarán Cuffe, Josianne Cutajar, Nicola Danti, Valter Flego, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Nicolás González Casares, Bart Groothuis, Christophe Grudler, Robert Hajšel, Ivars Ijabs, Romana Jerković, Izabela-Helena Kloc, Zdzisław Krasnodębski, Georg Mayer, Marina Measure, Iskra Mihaylova, Angelika Niebler, Johan Nissinen, Mauri Pekkarinen, Mikuláš Peksa, Tsvetelina Penkova, Morten Petersen, Clara Ponsatí Obiols, Robert Roos, Sara Skyttedal, Maria Spyraiki, Riho Terras, Patrizia Toia, Henna Virkkunen, Pernille Weiss
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Pascal Arimont, Franc Bogovič, Damien Carême, Francesca Donato, Matthias Ecke, Marian-Jean Marinescu, Alin Mituța, Jutta Paulus, Massimiliano Salini, Ernő Schaller-Baross
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Carmen Avram, Peter Jahr, Virginie Joron, Ljudmila Novak, Milan Zver

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

49	+
HDDR	Izabela-Helena Kloc, Zdzisław Krasnodębski
ID	Paolo Borchia
NI	Francesca Donato, Clara Ponsatí Obiols
PPE	Pascal Arimont, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Franc Bogovič, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Peter Jahr, Marian-Jean Marinescu, Angelika Niebler, Ljudmila Novak, Massimiliano Salini, Sara Skytvedal, Maria Spyrali, Riho Terras, Henna Virkkunen, Pernille Weiss, Milan Zver
Renew	Nicola Beer, Nicola Danti, Valter Flego, Bart Groothuis, Christophe Grudler, Ivars Ijabs, Iskra Mihaylova, Alin Mituța, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen
S&D	Carmen Avram, Beatrice Covassi, Josianne Cutajar, Matthias Ecke, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Nicolás González Casares, Robert Hajšel, Romana Jerkovič, Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia
Vers/ALE	Damien Carême, Ignazio Corrao, Ciarán Cuffe, Jutta Paulus, Mikuláš Peksa

2	-
The Left	Marc Botenga, Marina Mesure

5	0
ECR	Johan Nissinen, Robert Roos
ID	Virginie Joron, Georg Mayer
NI	Erő Schaller-Baross

Tifsira tas-simboli użati

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni